**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-11 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru : 111/2021 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**PB**

**Vs.**

**1. CB**

**2. MB**

**3. Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' PB datat 14 ta' April 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti u l-intimata MB izzewwgu fl-ghoxrin (20) t'April tas-sena elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985) (Vide Dok. PB 1);*

2. *Illi r-rikorrenti u l-intimata MB sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) fl-atti tan-Nutar Peter Fleri-Soler (Vide Dok. PB 2);*

3. *Illi matul iz-zwieg, fid-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) twieled l-intimat CB (Vide Dok. PB 3);*

4. *Illi minkejja li fic-certifikat tat-twelid ta' CB ir-rikorrenti gie indikat bhala l-missier tal-istess CB, CB ma hux il-wild naturali tar-rikorrenti PB u dan kif gie stabbilit permezz tat-test tad-DNA (Vide Dok. PB 4);*

5. *Illi filfatt ir-rikorrenti PB ma jistax ikun missier CB, peress illi hu u l-intimata MB ma kellhomx rapporti intimi fi zmien tat-tlett mitt (300) gurnata qabel it-twelid ta' CB, u PB kien effettivament fl-impossibilità fizika li jghammar ma' MB minhabba li kien boghod minnha u kienu jghixu separati minn xulxin ferm qabel id-data tal-kuntratt tas-separazzjoni u ferm qabel id-data tat-twelid u tal-koncepiment tal-istess intimat CB;*

6. *Illi l-intimat CB ghandu pussess ta' stat kuntrarju ghall-att tat-twelid u dan peress illi ghalkemm fl-att tat-twelid huwa indikat bhala l-wild tar-rikorrenti PB, fil-verità ma hux il-wild tar-rikorrenti, u mit-twelid tieghu sal-lum, l-intimat CB qatt ma rrisjeda mar-rikorrenti u r-rikorrenti qatt ma ippartecipa fil-hajja tal-intimat CB u sahansitra r-rikorrenti qatt ma ltaqa' mal-intimat CB;*

7. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza sabiex jigi dikjarat li PB ma hux il-missier naturali ta' CB u sabiex isiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet necessarji fic-Certifikat tat-Twelid ta' CB;*

8. *Illi r-rikorrenti gie awtorizzat jipprocedi bil-kawza odjerna permezz ta' digriet datat disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) (Dok. PB 5);*

9. *Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa kull dikjarazzjoni ohra mehtiega u opportuna:*

*(1)Tiddikjara li r-rikorrenti PB ma hux il-missier naturali ta' CB;*

*(2)Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet necessarji fic-Certifikat tat-Twelid ta' CB*

*liema att ghandu n-numru X;*

*(3)Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq l-att tat-twelid ta' CB liema att ghandu n-numru X, kull referenza ghar-rikorrenti PB, senjatament, izda mhux limitatament ghall-isem u kunjom, professjoni, sengha jew stat iehor, eta', fejn twieled u fejn joqghod u isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet;*

*(4)Taghti dawk il-provvedimenti u l-ordnijiet l-ohra kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni;*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati illi huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' PB, datata 14 ta' April 2021, a fol 4 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti u l-intimata MB izzewwgu fil- fl-ghoxrin (20) t'April tas-sena elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985) (Vide Dok. PB 1);*

2. *Illi r-rikorrenti u l-intimata MB sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) fl-atti tan-Nutar Peter Fleri-Soler (Vide Dok. PB 2);*

3. *Illi matul iz-zwieg, fid-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) twieled l-intimat CB (Vide Dok. PB 3);*

4. *Illi minkejja li fic-certifikat tat-twelid ta' CB ir-rikorrenti gie indikat bhala l-missier tal-istess CB, CB ma hux il-wild naturali tar-rikorrenti PB u dan kif gie stabbilit permezz tat-test tad-DNA (Vide Dok. PB 4);*

5. *Illi filfatt ir-rikorrenti PB ma jistax ikun missier CB, peress illi hu u l-intimata MB ma kellhomx rapporti intimi fi zmien tat- tlett mitt (300) gurnata qabel it-twelid ta' CB, u PB kien effettivament fl-impossibilità fizika li jghammar ma' MB minhabba li kien boghod minnha u kienu jghixu separati minn xulxin ferm qabel id-data tal-*

*kuntratt tas-separazzjoni u ferm qabel id-data tat-twelid u tal-koncepiment tal-istess intimat CB;*

6. *Illi l-intimat CB ghandu pussess ta' stat kuntrarju ghall-att tat- twelid u dan peress illi ghalkemm fl-att tat-twelid huwa indikat bhala l-wild tar-rikorrenti PB, fil-verità ma hux il-wild tar-rikorrenti, u mit-twelid tieghu sal-lum, l-intimat CB qatt ma rrisjeda mar-rikorrenti u r-rikorrenti qatt ma ippartecipa fil-hajja tal-intimat CB u sahansitra r-rikorrenti qatt ma ltaqa' mal-intimat CB;*

7. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza sabiex jigi dikjarat li PB ma hux il-missier naturali ta' CB u sabiex isiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet necessarji fic-Certifikat tat-Twelid ta' CB;*

8. *Illi r-rikorrenti gie awtorizzat jipprocedi bil-kawza odjerna permezz ta' digriet datat disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) (Dok. PB 5);*

9. *Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 5 ta' Mejju 2021 a fol 22 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi in linea preliminari, l-esponent qiegħed jassumi illi din il-kawża ġiet intavolata ai termini tal-Artikolu 70, sub-inċiż (1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-kawża istanti si tratta proprju denegata paternita';*

2. *Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li huwa mhuwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;*

3. *Illi r-rikorrent jeħtieġlu primarjament jipprova u jissodisfa minn talanqas waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 70, sub-inċiż (1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal dan l-għan, ir-rikorrent esebixxa r-rapporti ta' testijiet ġenetiċi ai*

*termini tal-Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jindika li huwa mhuwiex il-missier naturali tal-intimat CB. Nonostante dan, jidher li jonqos li tali rapporti jiġu maħlufa mit-tekniku Dr Marisa Cassar;*

4. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-intimat CB;*

5. *Illi subordinatament u dejjem bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jirrileva li huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem PB , senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm, għandhom flimkien mal-konnotati tar-rikorrent jiġu kkanċellati mill-Atti tat-Twelid ta' CB;*

6. *Illi finalment, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u għaldaqstant huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat in-nota ta' CB u MB, datata 26 ta' Mejju 2021, a fol 27 li taqra hekk:

*Li permezz tagħha filwaqt li jinformaw lil din l-Onorabbli Qorti li l-esponenti ma ppreżentawx risposta ġuramentata sabiex jevitaw l-spejjeż tal-istess, jiddikjaraw li jaqblu mat-talbiet tal-attur hekk kif dedotti fl-intier tagħhom, salv li m'għandhomx isofru l-ebda spejjeż in konnesjoni mal-proċedura istanti.*

*Li permezz tagħha CB jikkonferma li fl-eventwalità li t-talbiet attriċi jiġu milqugħa, dan m'għandux iġib bħala konsegwenza l-bdil tal-kunjom tiegħu.*

Rat illi l-attur kif assistit ddikjara seduta stante illi ma kellux oggezzjoni li jkopri hu stess il-hlas tal-proceduri odjerni inkluz dawk tad-Direttur tar-Registru Pubbliku (Vide verbal datat 7 ta' Ottubru 2021, fol 32);

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Frar 2022, il-partijiet ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 40);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attur qed jitlob illi l-konvenut CB li twieled f'X jigi dikjarat li mhuwiex il-wild naturali tal-attur PB, liema twelid gie registrat mir-rikorrenti, u gie dikjarat illi CB huwa iben PB hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid bin-numru ta'registrazzjoni 3273/1993.

Din il-kawza hija ghalhekk ibbazata fuq l-artikolu 70 (1) tal- Kodici Civili, li jipprovdi:

*(1) Kull konjuġi, ħlief konjuġi li jkun wiled lill-wild, jista' jagħmel rikors sabiex jiċħad li hu l-ġenitur ta' wild imwieled matul iż-żwieġ:*

*(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tal-wild, hu kien fl-impossibbiltà fiżika li jgħammar mal-konjuġi li wiled minħabba li kien 'il bogħod mill-imsemmi konjuġi, jew minħabba xi aċċident ieħor; jew*

*(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment separat mill-konjuġi li wiled: Iżda ma jistax jiċħad lill-wild jekk matul dak iż-żmien ikun reġa' ngħaqad mal-konjuġi tiegħu, ukoll jekk temporanjament; jew*

*(ċ) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet waħda fit-tnissil; jew*

*(d) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-konjuġi li wiled kien għamel adulterju jew kien ħeba t-tqala u t-twelid tal-wild; jew*

*(e) jekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll jirriżulta minn testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu li l-konjuġi huwa l-ġenitur*

Il-Qorti rat ukoll illi l-partijiet isottoponew ruhhom ghat-testijiet genetici sabiex tigi accertata l-paternita' tal-minuri b'mod xjentifiku. Il-Qorti taghraf illi f'kazijiet bhal dawn il-prova regina huwa l-ezami xjentifiku tad-DNA. Kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"...f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut…fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri..."*** [1]

Il-Qorti rat illi skont ir-rapport guramentat ta' Dr. Marisa Cassar *a fol 35 et seq*, it-testijiet genetici li saru fuq il-konvenut CB u l-attur PB jistabilixxu xjentifikament il-paternita tat-tifel. Illi ghalhekk, u in vista tar-rapport guramentat ta' Dr. Marisa Cassar, il-Qorti tqis illi gie stabbilit b'mod car u inekwivoku, illi l-attur PB **mhuwiex** il-missier bijologiku tal-konvenut CB.

Rigward il-kwistjoni tal-kunjom tal-konvenut, li llum huwa maggorenni rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenut fejn qabel li ghandu jibqa' mgharuf bil-kunjom B.

Ghar-rigward il-kap tal-ispejjes, il-Qorti rat illi l-attur kien lest li jhallas l-ispejjes kollha tal-proceduri.

**Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif gej:**

1. **Tiddikjara illi l-attur PB mhuwiex il-missier bijoloġiku tal-konvenut CB imwieled f'X lill-konvenuta MB;**

---

[1] A B vs C D et, Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Rik. Gru. Nru. 79/16) 25 April 2018.

2. **Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiċ-ċertifikati tat-twelid ta' CB, innumerat X fid-dettalji ta' missier it-tarbija, huwa jħassar il-partikolarijiet u dettalji ta' "PB" u minflok iniżżel id-dettalji 'missier mhux mgharuf.'**

3. **Tordna, illi l-konvenut CB ghandu jibqa' magħruf bil-kunjom *B;***

**L-ispejjeż, inkluzi dawk tad-Direttur Registru Pubbliku, ghandhom jigu sopportati mill-attur skond id-dikjarazzjoni minnu maghmula fis-7 ta' Ottubru 2021, a fol 32.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**